IL-PRESIDENT TA' MALTA

**1 ta' April 2019**

Għażiż/a

**Il-ħidma tiegħi fil-Presidenza waslet fi tmiemha.**

**Kienu snin ta' ħidma straordinarja, f'diversità ta' oqsma, mhux lanqas il-ħidma magħkom l-għaqdiet volontarji.**

**Meta nħares lura, nara tiżwiqa ta' suċċessi, mumenti ta' disfatta, u anke kultant ta' dieqa.**

**Tgħallimt ħafna minn kollox.**

**Konvita pero` li l-mumenti ta' sodisfazzjon u suċċess huwa bis-saħħa tiegħek ukoll, għaliex ħdimna flimkien u emminna f'xulxin, ħabbejna ħidmietna b'risq dawk fostna li kellhom bżonn l-għajnuna.**

**Għalhekk, irrid ngħidlek GRAZZI minn qalbi ta' dak kollu li għamilna flimkien, iżda speċjalment li ħaddanna flimkien il-valur tal-ġustizzja soċjali.**

**Konvinta li ħidmietna, u l-eżempju ta' ġenerożita u mħabba li tajna, se jkomplu jrendu, mhux biss għall-ġenerazzjoni tagħna, iżda wkoll għal ta' warajna.**

**Inħares 'il quddiem li fix-xogħol soċjali li se nkompli naħdem fih, inkomplu nikkolaboraw, biex nibqgħu nagħmlu l-ġid lil għajrna.**

**Fl-aħħar nett, filwaqt li nawgura lilek u l-familja tiegħek suċċess, saħħa u ġid f'ħajjitkom, inħeġġek biex tkompli taħdem b'risq il-ġustizzja soċjali f'pajjiżna.**

M'Louise

**Marie-Louise Coleiro Preca**